**Il-Każin tal-Banda San Gabriel**

*iħabbar il-*

# 2007 Festa ta' Marija Annunzjata

**28 ta' Ġunju sat-8 ta' Lulju**

*Patruna ta' Ħal Balzan*

## Funzjonijiet fil-Knisja

**Il-Ġimgħa, 29 ta' Ġunju**

**6.30pm** Quddiesa

**7.00pm** "Fuq Kollox il-Barka ta' Alla" Adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat. Dawk kollha li ghandhom il-Festa ghal qalbhom huma mistiedna jiehdu sehem biex nitolbu flimkien.

**Is-Sibt, 30 ta' Ġunju**

**9.00am** Laqgha ghall-Abbatini kollha.

**5.15pm** Quddiesa

**6.30pm** Quddiesa

**Il-Ħadd, 1 ta' Lulju**

**9.30am** Quddiesa ghat-Tfal (jinghataw tifkira) animata mill-Kummissjoni Kateketika u l-Kummissjoni Liturġija.

**10.45am** TBERIK tal-Pets fuq iz-Zuntier

**5.30pm** Quddiesa ghall-erwieh mejtin mill-Festa tas-sena l-ohra 'l hawn. Mistiedna speċjali: Il-familjari u l-qraba.

**It-Tnejn, 2 ta' Lulju:**
***Nitolbu għall-Helpers tal-Parroċċa***

**8.30am** Quddiesa animata mis-Segreterija ta' l-Uffiċċju Parrokkjali

**6.30pm** Quddiesa animata mill-Kor "Ave Marija". Mistiedna speċjali l-Helpers u l-Kollaboraturi tal-Parroċċa, flimkien mal-Kumitati u l-membri taż-żewġ Każini taghna, Reffiegha u Fratelli

**7.30pm** L-Istatwa ta' Marija Annunzjata titqieghed fil-Knisja ghall-qima taghna, filwaqt li l-Banda San Gabriel issellmilha bid-daqq ta' l-Ave Marija.

**It-Tlieta, 3 ta' Lulju:** ***Nitolbu għall-Familji***

**9.00am** Quddiesa animata mill-Grupp "Mother & Child" Mistiedna speċjali: Tfal sa 5 snin. Issir il-preżentazzjoni tat-tfal.

**6.30pm** Quddiesa animata mill-Kummissjoni Familja. Jiehu sehem il-Kor tat-Tfal "Angel Voices". Mistiedna speċjali: Koppji li din is-sena jiċċelebraw il-25 jew il-50 anniversarju taż-żwieġ taghhom.

**L-Erbgħa, 4 ta' Lulju:** ***L-Ewwel Jum tat-Tridu – Iż-Żgħażagħ***

**8.30am** Quddiesa animata mill-Grupp Ommijiet.

**6.30pm** Quddiesa animata mill-Grupp Żghażagh tal-Youth Centre. Jippriedka l-W. Rev. Mons Dun Alwiġ Deguara, M.Phil., S.Th. Dip., Cap.S.S. Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.

**Il-Ħamis, 5 ta' Lulju:** ***It-Tieni Jum tat-Tridu — Il-Vokazzjoni***

**8.30am** Quddiesa animata mill-Grupp EBDA. Wara, nofs siegha adorazzjoni ghall-Vokazzjonijiet animata mill-Abbatini.

**6.30pm** Quddiesa kon-ċelebrata animata mill-Grupp tal-Fokolari u l-Museum. Mistiedna: Is-saċerdoti u r-reliġjużi, rġiel u nisa, li joqoghdu, hadmu jew jahdmu fil-Parroċċa. Jippriedka l-W. Rev. Mons. Dun Alwiġ Deguara. Issir offerta ghad-Dar tal-Kleru Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali. Wara, riċeviment fid-Dar tal-Kappillan ghas-Saċerdoti u r-Reliġjużi.

**Il-Ġimgħa, 6 ta' Lulju:** ***It-Tielet Jum tat-Tridu – Morda u Anzjani***

**9.00am** Quddiesa ghall-Morda u l-Anzjani animata mill-Kummissjoni Liturġija. Jiġi amministrat is-Sagrament tal-Morda. Wara jkollhom festin fuq iz-zuntier organizzat mill-Kummissjoni Djakonija.

**6.30pm** Quddiesa animata mill-Grupp Kariżmatiku. Jippriedka l-W. Rev. Mons. Dun Alwiġ Deguara, Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.

**Is-Sibt, 7 ta' Lulju:** ***Lejlet il-Festa***

**8.30am** Quddiesa bl-offerti tal-Bukketti, animata mill-Grupp Fund Raising. Jitkanta l-Innu ta' Ringrazzjament - Te Deum.

**5.15pm** Quddiesa presjeduta minn Dun Ġużepp Sultana

**6.15pm** Trażlazzjoni tar-Relikwa mill-Kappella tal-Lunzjata (l-ewwel Knisja Parrokkjali) ghall-Knisja Parrokkjali. Antifona, Ghasar u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Imexxi t-Trażlazzjoni u l-Ghasar Solenni l-Wisq Rev. Mons. Dun Tarcisio Delicata, eks Kappillan tal-Parroċċa

**7.30pm** Quddiesa animata mill-ahwa tal-Mixja Neokatekumenali.

**Il-Ħadd, 8 ta' Lulju:** ***Jum il-Festa***

**7.30am** Quddiesa, presjeduta minn Mons. Vincent Borg.

**8.30am** Quddiesa, presjeduta minn Dun Ġużepp Sultana.

**9.30am** Konċelebrazzjoni Kantata Solenni. Jippresiedi r-Rev. Mons. Dun Tarcisio Delicada, fl-okkażjoni tal-hatra tieghu bhala Monsinjur. Paniġierku mir-Rev P. Pawl Aquilina, O.S.A., Pirjol tal-Kunvent San Tumas minn Villanova, Tal-Pietà

**11.30am** Quddiesa, presjeduta minn Dun Joe Degabriele

**5.30 pm** Quddiesa, presjeduta minn Dun Joe Galea Curmi, S.T.D.

**6.30pm** Kant ta' l-Ghasar

**7.30pm** Tohroġ il-Purċissjoni bl-istatwa artistika ta' Marija Annunzjata. Jippresiedi l-funzjoni u jmexxi l-Purċissjoni r-Rev. Patri Adrian Cachia, O.F.M.

**10.30pm** Antifona u Barka Sagramentali.

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju:** ***Ngħidu "Grazzi" lil Xulxin***

**7.15pm** Riċeviment fil-bitha taċ-Ċentru Parrokkjali ghall-Helpers u kollaboraturi kollha (Kumitati tal-Każini, Reffiegha, Fratelli, Korijiet, Kumitati u membri ta' l-Ghaqdiet Reliġjużi kollha u Gruppi tal-Parroċċa, Street Helpers, Letturi u kull min b'xi mod jghin fil-hidma tal-Parroċċa)
Mhux qed jintbaghtu inviti.
Dan l-avviż iservi ta' stedina.

**Il-Ħadd, 15 ta' Lulju:**
***Ngħidu "Grazzi" Flimkien***

**5.30pm** Quddiesa bis-sehem tal-Kor "Ave Marija".

**6.15pm** Innu Popolari lil Marija Annunzjata u Dhul tal-Vara fin-Niċċa.

Fil-ġimgha tal-Festa jiehu sehem il-Kor Parrokkjali "Ave Marija" mmexxi mis-Sur Lawrence Scicluna li wkoll jidderrieġi l-mużika tat-Tridu, lejlet u nhar il-Festa. Organista: Is-Sinjura Eileen Conrad

## Ċelebrazzjonijiet Esterni

**Il-Ħamis 28 ta' Ġunju 2007**

**8.30pm** *Barbecue* fil-ġnien tal-każin. Kulhadd huwa mistieden. Prezz Lm5 l-kbar u Lm2.50 it-tfal. Ghal din l-attività jkollna *Live Entertainment*. *Booking* mill-bar tal-każin.

**Is-Sibt 30 ta' Ġunju 2007**

**8.00pm** Riċeviment ghall-benefatturi u l-Membri tas-Soċjetà fil-ġnien tal-każin. Jinqraw diskorsi u jinghataw premjijiet. Ghal din l-okkażjoni kull min hu mistieden ghandu jirċievi invit.

**Il-Ħadd 1 ta' Lulju 2007**

**7.00pm** Spettaklu mill-Jazz Band tal-Pulizija u Wirja tal-Klieb fil-Pjazza bil-korteżija tal-Ministeru ta' l-Intern u l-Ġustizzja.

**8.00pm** Tombla Night Party fil-każin bil-prezz ta' Lm2. *Booking* mill-każin. Jiġi mqassam ikel u xorb ghal din l-okkażjoni.

**It-Tnejn 2 ta' Lulju 2007**

**6.30pm** Quddiesa fil-knisja parrokkjali ghall-membri tal-każini tal-baned u l-ghaqdiet kollha tal-parroċċa.

**7.30pm** Hruġ tal-vara artistika ta' Marija Annunzjata min-niċċa. Il-banda San Gabriel issellem bid-daqq ta' l-Ave Marija. Wara l-banda San Gabriel taghmel marċ li jibda minn Triq l-Gherusija - Triq Antonio Bosio - Triq Dun Ġwann Zammit Hammett - Triq Sir A. Micallef - Triq Balaguer - Triq iz-Zekkuk - Triq Santa Marija - Triq il-Kbira [Posta] - Triq Valent Muscat - Triq il-Papa Alessandru - Triq San Valentino - Triq il-Kbira sal-każin.

**It-Tlieta 3 ta' Lulju 2007**

**8.30pm** *Buffet Pasta Night* fil-ġnien tal-każin. Jakkumpanjaw is-serata The Green Fields. Prezz Lm5 il-kbar, Lm2 it-tfal. *Booking* mill-bar tal-każin.

**L-Erbgħa 4 ta' Lulju 2007**
**L-Ewwel Jum tat-tridu**

**7.30pm** Kunċert ġenerali fil-ġnien tal-każin mill-banda San Gabriel taht id-direzzjoni ta' Mro Joseph Vella.

**Il-Ħamis 5 ta' Lulju 2007**
**It-Tieni Jum tat-tridu**

**8.00pm** Il-banda San Gabriel taghmel marċ li jibda minn Triq Sigismondu Dimech - Triq l-Annunzjata - Triq il-Kbira - Triq Santa Marija - Triq il-Kbira sal-każin, fejn il-banda San Gabriel tesegwixxi programm mużikali fuq il-planċier. Kulhadd huwa mistieden. Se jkun hemm siġġijiet ghal min irid isegwi l-programm.






**Il-Ġimgħa 6 ta' Lulju 2007**
**L-aħħar jum tat-tridu**

**9.00pm** Fil-pjazza ż-żewġ baned ta' Ħal Balzan; San Gabriel u Marija Annunzjata fil-preżenza tal-kappillan Rev. Dun Kalċ Vassallo jdoqqu l-Ave Marija. Wara l-banda San Gabriel takkumpanja l-istatwa ta' San Gabriel fost il-briju tal-partitarji u jimxu ghal Triq il-Kbira - Triq Santa Marija -Triq il-Kbira sal-każin.
Hawnhekk il-banda ddoqq diversi innijiet f'ġieh San Gabriel, l-istatwa tiġi mtellgha fuq il-pedestall maestuż biswit il-każin.

**Is-Sibt 7 ta' Lulju 2007**
**Lejlet il-festa**

**8.00pm** Il-Banda Sant Elena ta' Birkirkara taghmel marċ li jibda minn Triq Sisner - Triq San Valentino - Vjal il-Papa Alessandru - Triq Idmejda - Triq San Valentino - Triq Santa Marija - Triq il-Kbira - Pjazza - sal-każin.

**Il-Ħadd 8 ta' Lulju 2007**
**Jum il-festa - Jum is-Soċjetà**

**6.30pm** Il-banda King's Own tal-Belt Valletta taghmel marċ li jibda minn Triq il-Kbira ġPostah Triq il-Kbira sa fuq iz-zuntier tal-knisja.

**7.30pm** Waqt il-hruġ tal-purċissjoni bl-istatwa artistika ta' Marija Annunzjata padruna ta' Ħal Balzan jindaqq l-innu Ave Marija ta' Charles Gounod. Jakkumpanja l-banda King's Own it-tenur Andrew Sapiano.

**9.00pm** Il-banda Stella Maris ta' Tas-Sliema takkumpanja l-purċissjoni minn Triq Sisner - Triq San Valentino - Triq Santa Marija - Triq il-Kbira - sal-każin.

**10.15pm** Waqt id-dhul tal-vara, il-banda King's Own iddoqq l-innu Ave Marija ta' Charles Gounod. Jakkumpanja l-Banda King's Own it-tenur Balzani Elia Cassar.

**11.00pm** Il-banda Stella Maris ta' Tas-Sliema ddoqq diversi marċi fil-marċ ta' l-ahhar li jibda minn hdejn il-każin Triq il-Kbira - Triq Santa Marija - Triq il-Kbira sal-każin fejn tiġi fi tmiemha l-festa tal-Lunzjata 2007.



## Programm tal-Ħruq tan-Nar

**It-Tnejn, 2 ta' Lulju 2007:**
***Hruġ tal-Vara tal-Lunzjata min-Niċċa***

**7.30pm** Waqt il-hruġ tal-vara min-niċċa jinharaq salut.

**Is-Sibt, 7 ta' Lulju 2007:**
***Lejlet il-Festa***

**11.45am** Hruq ta' murtaletti u sajżijiet.

**6.15pm** Waqt it-transulazzjoni tinharaq kaxxa infernali u diversi murtali.

**10.00pm** Wirja piroteknika, hruq ta' blalen, beraq pront u murtali tal-kulur kif ukoll kaxxa infernali.

**11.00pm** Hruq tan-nar ta' l-art fi Triq il-Kbira akkumpanjat bil-mużika.

**Il-Ħadd, 8 ta' Lulju 2007:**
***Jum il-Festa***

**Fit-8.00am u f'12.00pm** Hruq ta' bomba u murtaletti.

**7.30pm** Waqt il-hruġ tal-vara tinharaq kaxxa infernali filwaqt li l-purċissjoni tkun akkumpanjata b'diversi murtaletti, sajżijiet, beraq pront u murtali tal-kulur.

**10.30pm** Waqt id-dhul tal-vara tinharaq kaxxa infernali tal-kulur.

In-nar kollu li se jinharaq ghall-festa ad unur Marija Annunzjata jiġi mahdum mid-dilettanti ta' l-Ghaqda tan-Nar San Gabriel taht id-direzzjoni ta' Ġanni Borg.

L-Ghaqda tan-Nar San Gabriel b'rispett wara t-telfa tal-Kap tal-kamra tan-nar Valent Azzopardi, b'deċiżjoni mill-istess Ghaqda mhux se jinharaw nar fil-ġranet tal-festa mhux imsemmija fil-programm. L-Ghaqda tixtieq tirringrazzja lil dawk kollha li wrew soghba u solidarjetà ghat-telfa ta' Valent Azzopardi.

Issettjat u Stampat: Bestprint Ltd., Qrendi